Minuti tal-Hmistax (15) Laqgħa tas-Seba (07) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar l-Hamis 13 ta' Settembru 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija.

| | Hin Dħul | Hin Hruġ |
|---|---|---|
| Is-Sur Mario Salerno (Sindku) | 17.30 | 19.20 |
| Is-Sur Alex Bezzina (Viċi-Sindku) | 17.30 | 19.20 |
| Il-Perit Graziella Galea | 17.30 | 19.20 |
| Is-Sur John Bray | Skużat | |
| Is-Sur Raymond Tabone | 17.30 | 19.20 |
| Is-Sna Mandy Buhagiar | 18.11 | 19.20 |
| Is-Sur Peter Abela | 17.47 | 19.20 |
| Is-Sur Jason Camilleri | 17.30 | 19.08 |
| L-Avukat Robert Anthony Piscopo | 17.45 | 19.08 |
| Is-Sna Anne Marie Fenech | 17.30 | 19.20 |
| Il-Perit Daniel Grima | Skużat | |
| Is-Sna Jane Chircop | 17.30 | 19.20 |
| Is-Sur Carmel Hili | 17.30 | 19.20 |

Is-Sindku Mario Salerno, fetaħ il-laqgħa u talab li titwaqqaf il-laqgħa ħalli jitkellem il-perit Etienne Margi fuq il-PPP1. Il-mejda qabelt.

**Laqgha imwaqfa.**

Il-Perit Eteinne qal li fuq il-PPP1, (maħdum ma Leli Vella) saru b'kollox 12 il-triq għall-spiża totali ta' Euwo 446,835 li minnhom Ewro 388,000 marru fuq toroq, u Ewro 58,000 fuq bankini. Baqa' isiru 7 toroq, pero minħabba li għoliet il-materja prima, il-kuntrattur qed jitlob li jigi ikkumpensat iktar.

L-ispejjes varjaw minħabba l-użu ta' *cement bounding meterial* biex tiġi rrinfurzata is-sub base, u xogħol fuq banikini.

Il-prezz attwali vs l-stima kien hemm Euro 43K inqas mil budget minħabba il-pavimenti ma kienux imnizla fil-*budget.*

Fadal 7 toroq xi jsiru, l-istima hi ta' Ewro 186,117, u għal dawn qed nikalkulaw li hemm *circa* ta' Ewra 12,000 għal-*cement bound meterial*, biex tissaħaħ il-fondazjoni tagħhom. Il-kunrattur qed jitlob li minflok 4 pulzieri ta' *tarmac* għal-Euro 17.84 il metru kwadru, jinaghat 80 mm(fit iktar min 3 pulzieri) pero bi spiża ta Ewro

28.45 il-metru kawdru. Din hija spiża addizzjonali ta' Ewro 10.61 il-metru kwadru. Xorta waħda inkun *within specifications* jekk issir ħxuna ta 80mm. Jekk il Kunsill jaċċetta din il-proposta, minajr ma isirux il-bankini (kemm Mario Salero u Graziella Galea qallu li l-bankini ma ~~kellhomx ikunu~~ parti mill-budget) hemm spiża addizjonali at Euro 79,000, nibqaw xorta waħda within budget, anzi ikun hemm surplus ta Euro 16,800. Din hija it-talba tal-kuntrattur. Fuq il Budget Proposed.

Bankini ma sarux f'kul triq li saret, pero fejn kien hemm bżonn.

**Meeting miftuħ**

**Toroq PPP -** Raymond Tabone gibed l-attenzjoni li ħafna mill-bankini mhumiex fi stat tajjeb anżi madwar 50% minnhom mhux tajbin. Il-perit qal li dan huwa veru pero wieħed irrid jara il-prejorita u il-budget li għandu. Il-kunsill jista' jitlob assisenza lid-dipartiment fejn jidħlu il-bankini.

Mario Salerno ippropona li jittiehed vot li l-*claim* tal-kuntrattur jiġi aċċetat. Issekondaħ Jason Camilleri.

Votazjoni kienet unanimament favur. Mario Salerno irringrazja lil perit.

Mario Salerno feraħ għan nom tal-kunsill lil Ray Bartolo li das-sajf sar missier.

Minuti tal- laqgha uregenti li inzammet 22 ta' ~~Settembru~~ Awissu. Il-minuti ittiehdu bhala moqrija, u saru korrezjonijiet/emendi necesarji.

**Laqgħa tad-9 ta Awissu** - George Abdilla qal li l-laqgħa tad-9 ta Awissu tħasret minħabba li-agenda intbatet 4.5 gurnata minflok 5 tijiem qabel. Il-minuti xorta inħadmu u talab li jinqraw illum bħal li kieku qed issiru illum. Il Minuti ta laqgħat 8 u 11 ser jintbagħtu bl-email u jittelaw fil-laqgħa li jmiss.

**Minuti tal-laqgħa 12:** Minuti tal-laqgha 12, ittehdu bħala moqrija.

Punti Imqajma mil minuti:

**Pigeon holes** – inxtraw il-letterboxes u daw ser jitwaħlu il-gimgħa id-dieħla.

Laptop. John Camillieri irrritorna l-laptop din il-gimgha. L-ittra li John Cammilleri qal li ser jibgħat ma batix. Raymond Tabone talab li titnizzel kemm dam is-sur Camilleri biex ġab lura l-laptop.

**Impjegati ġodda:** wara li id-dipartiment talab il-qaghda finanzjarja, u intwera li l-kunsill jista jaħlas għal dawn l-impjegati, ħarget is-sejħa interna għaż-żewgt impjegati. Segretarju Eżekuttiv spjega ukoll li ġa kellem lil ETC u wara li talaq is-sejħa interna, u jekk ma jkun hemm l-ebda applikazzjoni, toħrog għal dawk li jireġistraw fuq Part 1 ta ETC.

**Handyman** – Segretarju Eżekuttiv talab lid-dipartiment jekk il-kunsill jistax jimpjega *handy man*. Dawn jista' jimpjegħom bħala parti mid-disa' persuni allokati għal-kunsill. Minflok, ħarget sejħa għal-*handyman* bħala *quotes* fil-gazetta. Dawn ikunu qed jaħdmu bis-siegħa, ie jipprovdu servizz *self employed* lil-kunsill. Peter Abela u Graziella Galea saqsew xi kwalifiki intalbu. Segretarju Ezekuttiv spejga li intalbet tingħata CV u jesponu sew l-esperjenzi li għandhom, intalbu ukoll li jinataw ittri ta referenza marbutin max-xogħol.

**Moll tax-Xemxija** – Segretarju Ezekuttiv spejga li kienu saru ix-xogħlijiet neċesarji biex il-moll tax-Xemxija jitranga u issa titlesta.

**Korispondenza:**

**Tony Cassar** – Ittra mibawta min Tony Cassar – rigward il-Karozza RAV 200. Is-sur Cassar talab kumpens ta Euro 200 – tiswija tal-karozza. Il-kunsilliera iddeċidew li jagħddu l-ittra lil-avukat tal-Kunsill biex jara l-ittra u jagħti parir. Is-segretarju kiteb u spejga iċ-ċirkostanzi lil avukatt. Qwed nistennew risposta ta' l-avukat.

**MEPA** Ittra mibawta min Noelle Cardona – uffiċjala fl-EPU tal-MEPA. Is-segretarju spejga li l-kunsill kien irċiva il-files tal-EIA tal-progett propost tas-Sikka il-Bajda tal-Windfarms. Għandna sas-27 ta' Settembru sabiex naħmu sottomisjonijiet.Is-Sur Carmel Hili ser jara il-files. Intbattu il files elektronici lil kulhadd.

**Citta D'Assisi** - Ittra mibawta minn Claudio Ricci – Citta di Assisi. Mitlub jinbeda proċess li jwassal għall-gemmelag ma' Assisi. Is-sur Salerno talab ukoll jibda process ma' Bologna sabiex wieħed jiprova ikattar it-turismu ma dawn il-lokalitajiet. Il-kunsilleira qablu li jintbeda il-proċess. Il-gimgħa l-oħra saret laqgħa u iffirmar ta' ftejim bejn San Pawl il-Baħar u reġjun taċ-Ċina, fejn delegazjoni ċininza żaret il-Kunsill. Is-sur Salerno talab li is-sur Mario Gerada ikun imexxi sotto kumitat ta' relazzjonijiet barranin. Talab ukoll li ikun hemm Simon Galea bħala bniedema li tieħu ħsieb l-Animal Welfare.

**Ittra lil Monitoring Board** - Carmel Hili talab li tinkieteb ittra lill-Monitering Board tad-Dipartiment fejn nosservaw kif dan laħaq deċċizjoni minajr ma' kien inkonsulta l-ebda membru iehor tal-Kunsill. Din hija relatata mad-deċizjoni li ha il-Monitering Board fil konfront tas-Sur Hili fuq l-użu ta' recorder personali waqt il-laqaght tal-Kunsill.

Il-Kunsillera talbu li l-Agenda tal-laqgħa preċidenti ma għandiex għalfejn terga tiġi presentata.

**Skeda tal-Finanzi** – Is-sur Salerno preżenta lil-kunsill skeda ta' kif il-Kunsill qed jalloka il-Finanzi tiegħu ta' kull xhar – dawn jammontaw għal-nefqa ta' madwar 100,000 ewro fix-xahar. Il-Kunsilliera qablu ma l-iskeda preżentata hawn annessa.

**Approvazzjoni ta' ħalsijiet.** Is-sindku qal li l-kontijiet antiki li x-xolijiet saru qabel il-ħatra ta' dan il-Kunsill ser jigu aċċetati min naħa ta' dan il-Kunsill. Graziella Galea intalbet tiverivika kontijet antiki qabel ma jsiru pagamenti. Saru diversi osservazjoniet fuq ħlasijiet partikolri u ingħatat spegazzjoni għalihom. L-iskedi 50 u 51 gew approvati mil-Kunslieria għal-ħlas.

**Approvazjoni tas-Segretaju Esekutiv.** Is-sur Salerno qal li wara li l-agent segretarju irtira in-nomina tiegħu, il bord tal-għazla rega iltaqa u d-diskuta fuq iż-żewgt kandiati li kien baqa. Ġie deciż mil bord ta' l-għazla li Is-Sur Farns Chircop jigi proponut mill-Kunsill bħala Segretaju Esekutiv, u għal daqstant qed jigi presentat għal Kunsill biex jigi aċċettat. Graziella Galea qalet li hi astjenit u ma ivutax fil bord ta'l-ghazla. Frans Chircop kien Proponut min Mario Salerno u sekondat min Alex Bezzina.

Il-laqgha twaqfet ghal-10 minuti break.

Ittieħdet votazjoni – dawk Favur li jilħaq Frans Chircop kienu:

Mario Salerno, Alex Bezzina, Jason Cammilleri, Raymond Tabone, Jane Chircop, Carmel Hili u Mandy Buhagair
Kontra – Nil
Astjenew – Graziella Galea, Robert Piscopo, Ann Fenech u Peter Abela.

Graziella Aglea qalet li huma qed jastjenu għax iħoss li hadd mill-kandidati mu kapaci għal dan ir-rwol.

**Adjudication board – Works Manager u Handy Man** - Mario Salerno – (item 6 ta' l-agenda) process ta' sejħa ta' membri għal abdjuication board għal adjudikazzjoni ta' Works Manager u Handy Man. Mario Salerno propona li il-bord ikun magħmul minn Carmel Hili, Raymond Tabone, Jane Chircop, Jason Camilleri U Mario Salerno, kif ukoll John Bray li kien wera' xewqa li jkun parti min f'dan il-board.

Votazjoni:

dawk favur kienu:
Mario Salerno, Alex Bezzina, Jason Cammilleri, Raymond Tabone, Jane Chircop, Carmel Hili u Mandy Buhagair
Kontra –Graziella Galea, Robert Piscopo, Ann Fenech u Peter Abela.

Peter Abela talab li titnizzel li huma konta minhabba li il-board ma huwiex bilanċjat politikament.

Il-Laqgħa aġġornata għat-Tlieta 25 ta' Settembru fis-sitta u nofs ta filgħaxija.

***Mario Salerno***
***Sindku***

***George Abdilla***
***Aġent Segretarju Eżekuttiv***